# ID-9 TA' APRIL 1942: 75 Anniversarju minn Jum ta' Kefrija, Ħerba u Fidi fl-Imqabba

*Riċerka u kitba ta' Dr Charles J. Farrugia*
BA(Hons), PGDip.Rec.Mgmt., MA, MA(Lond), PhD(Aber)

Lejn l-aħħar tas-snin tletin tas-Seklu Għoxrin l-Ewropa intlaqtet minn konflitti kbar li wasslu għal telfien ta' ħajja, tiġrif ta' propjetà u bidla mill-qiegħ f'dik li hi struttura ġeo-politika internazzjonali. Malta mhux talli ma kienitx salvata minn dan kollhu, anzi pjuttost kienet fil-qalba u milquta fil-laħam il-ħaj. L-aktar żoni milquta f'pajjiżna kienu dawk tad-dawra tal-port u dawk li bħal l-Imqabba kienu jmissu ma ajrudrom. Nistgħu ngħidu li l-Imqabbin għaddew martirju sħiħ matul it-Tieni Gwerra Dinjina, bid-9 ta' April 1942 jkun il-qofol tal-kefrija, ħerba u mwiet... iżda wkoll kien jum ta' fidi. Dan l-artiklu hu omaġġ għal dawn l-Imqabbin. Hu tifkira ta' 75 sena ta' storja. Hu ukoll memorja ta' storja oħra kerha fil-ħajja tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni u tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Ejja naraw flimkien it-tħejjijiet, l-avvenimenti, t-tbatijiet u l-konsegwenzi.

## Il-knisja parrokkjali ta' qabel il-Gwerra

Sa jum id-9 ta' April 1942 l-Imqabba kient tgawdi ħajja trankwilla madwar il-knisja parrokkjali. Ħajja li ddur max-xogħol fil-barrieri u l-egħlieqi, imwaqqfa għal perjodi ta' rivalità fil-ġimgħat taż-żewġ festi prinċipali, imma fuq kollox, b'sens ta' kommunità qawwija. Fl-artiklu tiegħi bl-isem 'L-Imqabbin jgħixu żmien il-gwerer u l-emigrazzjoni' fil-ktieb editjat minnhi *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien* (1998) kont ippublikajt ċifri interessanti meħuda mill-pubblikazzjoni *Mageos* tal-1947. Dak iż-żmien kien hemm 44.5% tal-Imqabbin jaħdmu f'xogħol marbut mal-barrieri. Wieħed jista jimmaġina meta kważi nofs il-popolazzjoni tax-xogħol taħdem fl-istess raħal, u meta ħafna minn nisa ma kienux jaħdmu, l-importanza li kellha l-knisja parrokkjali fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Imqabbin.

Minħabba l-viċinanza għal mitjar ta' Ħal Luqa l-Imqabba kienet ukoll fl-għajn ta' diversi viżitaturi barranin li minħabba r-rabta tagħhom mas-servizzi kien jgħaddu mill-qrib tal-Imqabba u jikkummentaw jew bil-ktibiet tagħhom jew inkellha b'pinzellati ħfief li bihom jimmarrkaw fuq it-tila l-esperjenzi u ħsus tagħom. Wieħed minn dawn kien Quentin Hughes, isem rinomat ma' kull min iħobb l-arkitettura.



*Quentin Hughes*

James Quentin Hughes twieled ġewwa Newsham Park f'Liverpool l-Ingilterra fit-28 ta' Frar 1920. Study ġewwa Wales u beda l-istudji fl-arkitettura fl-Università ta' Liverpool



*Il-knisja kif kienet tidher sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija bil-koppla l-antika.*



*Pittura minn Quentin Hughes minn naħa ta' Triq Valletta.*



*L-abbozz tal-pittura tal-koppla l-antika minn Filippo Venuti miżmum b'għożża għand l-espert tal-arti John Zammit.*



*Pittura ta' Quentin Hughes minn Triq Santa Katarina.*



*Il-Perit Giovanni Barbara li skond Dun Lawrenz Zammit iddisinja l-knisja tal-Imqabba.*

fl-1937. Fl-1940 ivvolontarja għal mar-Royal Artillery u ġewwa Malta kien stazzjonat fil-48/71 D Battery RA. Fl-1956 hu ppublika *The Buildings of Malta 1530-1795*, u ħareġ diversi xogħolijiet oħra dwar Malta fis-snin ta' wara. Interessanti li Hughes pitter żgur tliet xeni fl-Imqabba, tnejn minnhom li juru l-knisja u li qed ikunu riprodotti f'dan l-artiklu, u ieħor tat-torri Vincenti fejn hu kien stazzjonat għal xi żmien. Irrid hawn nagħti kredtu lil Perit Conrad Thake li ġibidli l-attenzjoni għal dawn ix-xogħolijiet li kienu pubblikati f'Jimmy Quentin Hughes, *Who Cares Who Wins* minn Charico Press fl-1998. Hassejt li jkun xieraq li jkunu pubblikati hawn kemm bħala omaġġ lejn Hughes iżda wkoll għaliex juruna kif kienet tidher il-koppla u l-pajsaġġ tal-madwar bil-kulur qabel id-9 ta' April 1942.

## L-Imqabbin fi tħejjija għal Gwerra

Bħala tħejjija għad-difiża tal-gżira twaqqfu diversi diviżjonijiet ta' suldati Maltin li servew ta' appoġġ għall-forzi Ingliżi fid-difiża tagħhom tal-gżejjer Maltin u tal-Imperu. Fost dawn il-korpi nistgħu nsemmu l-*Malta Auxiliary Corps* imwaqqaf fl-1939. L-iskop ta' dan il-korp kien dak li jiġbor voluntiera li jagħtu appoġġ permezz ta' vetturi, ħafna minnhom tagħhom stess, kif ukoll servizzi ta' manutenzjoni u għajnuna. Sezzjoni oħra ta' voluntiera kienet il-*Malta Volunteer Defence Force* jew il-*Home Guards* li twaqqfu b'avviż ippublikat fil-gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Ġunju 1940. L-għan prinċipali ta' dawn kien li jirribattu lill-attakki mill-ajru tal-għadu. Ma' dawn wieħed irid iżid lista sħiħa ta' gruppi oħra ta' rekluti li flimkien iffurmaw sistema komplikata iżda effettiva ta' difiża tal-gżejjer Maltin. L-imsieħba kienu jiġu minn kull belt u raħal.

**L-Imqabbin li servew fil-Malta Home Guard waqt it-Tieni Gwerra Dinjija kienu dawn:**

*Abdilla John - Tal-Marsus - Hospital Alley*
*Briffa Paul - Il-Lampa - 43, Parish Street*
*Briffa Angelo - Il-Lampa - 43, Parish Street*
*Bondin Saver - Il-Ganga - 16, Alley St Basil*
*Bugeja Saviour - Coy. Comdr. - 32, St. Catherine Street*
*Cutajar Joe - Il-Luger - 74, Valletta Road*
*Camilleri Carmel - Il-Kavall - 26, Parish Street*
*Camilleri Carmel - Iċ-Ċirvil - 6, St Basil Street*
*Camilleri John - Ta' Kalċi - 87, Parish Street*
*Camilleri Joe - Ta' Rokku - 37, Valletta Road*
*Ellul Joseph - Ta' Katrinu - 70, Parish Street*
*Farrugia Anthony - Ta' Ċinċla - 15, St Basil Alley 1*
*Farrugia John - Tal-Parent - 57, Parish Street*
*Farrugia Philip - Tal-Ġandarm - 42, St Basil Street*
*Farrugia Feliċ - Tal-Kazza - 11, Parish Street, Alley 5*
*Galea Vincent - Ix-Xiħ - 101, Parish Street*
*Galea Anthony - Tal-Ħaxxej - 88, St Basil Street*
*Galea John - Taż-Żokra - 76, Parish Street*
*Galea Feliċ - Ta' Lippu - 40, Church Square*
*Magro Saver - Tal-Bażżi - 35, Valletta Road*
*Psaila Gerald - Tal-Leri - 15, St Catherine Street*
*Tabone Grezzju - Tal-Għawdxi - 5, Innocent Street*
*Xuereb Anthony - Tan-Naqri - 70, Valletta Road*
*Zammit Joseph - Ta' Filfla - 1, Alley, Valletta Road*
*Zammit Paul - Ta' Filfla - 18, Valletta Road*
*Zammit Lewis - Adm. Officer - 5, Carmel Street*
*Zammit Matthew - Tal-Mejlaq - 20, Valletta Road*
*Zammit Rev. M. - Chaplain - 27, Parish Street*



*Diskorsi tal-okkażjoni u spezzjonar tal-Home Guard tal-Imqabba mill-Ġeneral Mc Scobie quddiem l-iskola primarja fl-1941.*

Kif jidher f'din il-lista, , il-*Company Commander* tal-*Home Guard* fl-Imqabba kien Saviour Bugeja. Hu jiftakar li barra r-Reġiment tal-Hampshire kien hemm ukoll dawk magħrufa bħala Buffs li kienu alloġġjati fid-dar ta' Mr Agius, li kien emigrant ritornat u li kellu dar rekwiżizzjonata mill-Gvern fi Triq Santa Katarina. Hawn ġew alloġġjati diversi suldati. Ftit 'il fuq kien hemm dar oħra li fiha saret *Officers' Mess.* Fiha kien ipoġġi l-Kmandant Green u s-*2nd in-command* Capt. George Hogan. Il-*Parent Unit* kienet tissuplixxi l-armi lil *Home Guard* u kellha l-obbligu li tagħti taħriġ bħal *rifle shooting, grenade throwing* u *assault.*

Saviour Bugeja għadu jiftakar sew il-parata tal-*Hampshire Regiment Band* taħt it-tmexxija tal-Ġeneral Mc Scobie ġewwa l-Imqabba fl-1941. Din il-parata li saret quddiem l-iskola primarja kellha l-iskop li tgħolli l-moral tan-nies. Bħala *Platoon Commander* jiftakar lil Pasquale Ciantar li aktar tard emigra lejn l-Amerka.

Bħala inċentiv għal dawn il-voluntiera kien hemm fond żgħir ta flus li kien jieħu ħsiebu *Liaison Officer.* Dan kien jikkonsisti fit-tqassim tas-sigaretti kif ukoll birra li imbagħad l-istess suldati kienu jbiegħu. Mill-profitt kien twaqqaf fond li minnu jsiru attivitajiet mużikali. Saviour Bugeja kien responsabbli għal dan id-divertiment li kien isir ġewwa *garage* li ngħatalhom temporanjament minn Lippu tal-Oħxon, qrib l-iskola. Għal dan il-għan, is-Sur Bugeja kien iġib gruppi, l-aktar miż-Żurrieq, sabiex idoqqu l-vjolini u l-kitarri.

Bħala dmirijiet, il-*Home Guard* ma kellhomx x'jaqsmu max-xelters. Kien l-ARP li ried jara li n-nies jinżlu fix-xelters u li jirraportaw il-ħsarat. Il-*Home Guard* kienu mħarrġa sabiex jilqgħu u jittrattaw il-paraxutisti tal-għadu minħabba l-biża' kostanti ta' invażjoni. Dmir ieħor kien l-għassa ma jaqta' xejn mal-postijiet tad-dħul lejn l-irħula. L-Imqabba kellha tliet postijiet ta' dħul mgħassa. Dawn kienu f'tarf Triq il-Belt Valletta, fid-daħla mill-Qrendi u n-naħa ta' fuq fi triq lejn is-Siġġiewi. Dawk għassa kienu jkunu armati. Saviour Bugeja għadu jiftakar okkażjoni meta kien se jispiċċa ħażin. Hu kien dieħel bir-rota u għall-għajta ta' Feliċ tar-Reġina '*Halt, who goes there*' ma weġibx. L-isparatura fl-ajru ħallietu b'qatgħa kbira.

Iżda l-preparamenti kienu bdew ferm qabel. Fit-30 ta' Awwissu 1939, beda t-tqassim tal-maskli tal-gass mill-Għassa tal-Pulizija tal-Imqabba. Fl-istess perjodu l-*Mobile Gas Chamber* kienet iddur l-ibliet u l-irħula sabiex tgħallem kif kellhom jintużaw dawn il-maskli.

**L-Air Raid Wardens fl-Imqabba kienu dawn:**

*Lewis Zammit - 5, Carmel Street*
*Nazzareno Spiteri - 2, Church Square*
*Alfred Bugeja - Parish Street*
*Carmel Camilleri - 23, Parish Street*
*Joseph Bugeja - 36, St Catherine Street*
*Saviour Bugeja - 36, St Catherine Street*
*Joseph Galea - 14, Hospital Alley*
*Joseph Galea - 59, Valletta Road*
*Anthony Borg - 49, St Catherine Street*
*Carmel Galea - 23, St Basil Street*
*Anthony Camilleri - 61, Valletta Road*
*Joseph Baldacchino - 50, Our Lady of Sorrows Street*
*Francis Grech - 2, Carmel Street*
*Paul Farrugia - Pear Street*
*Pasquale Ciantar - St Catherine Street*
*Annunziata Bugeja - St Basil Street*
*Giovanna Zammit - 51, St Basil Street*
*Judith Grech - 1, Carmel Street*
*Gina Attard - Parish Street*
*Innoncenza Zammit - 1, Valletta Road*
*Carmela Mallia - 23, St Basil Street*
*Paolina Spiteri - Church Square*
*Annie Mangion - 90, Parish Street*
*Ġuża Sammut - 89, Parish Street*
*Michelina Zammit - 50, St Basil Street*

Għalkemm il-gwerra bdiet fl-1 ta' Settembru 1939, il-gwaj għal Malta beda fl-10 ta Ġunju 1940. Dakinhar Benito Mussolini ddikjara gwerra fuq Franza u l-Ingilterra. L-ewwel attakki fuq Malta seħħew nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 1940 fis-6.55 ta' filgħodu. It-Taljani ħabtu għal gżiritna b'għaxar ajruplani *Savioa Marchetti SM 79.* Dan kollu kellu jkun il-bidu ta' eluf ta' attakki mill-ajru fuq gżiritna. Dawn l-attakki huma deskritti ferm tajjeb minn Nicola Malizia, hu nnifsu nvolut fl-Aeronautica Taljana. Rigward l-ajruport viċin tal-Imqabba hu jgħid hekk *'...Luqa ( o Mikabba), situato a sud di La Valletta, era l'aeroporto meglio attrezzato dell'isola, disponendo gia' a quel tempo di ben quattro piste incrosiate in cemento, piazzole di decentramento, ricoveri e attrezzature efficaci......'* Din il-perspettiva ta' min kien fuq in-naħa l-oħra tal-konfront tispjega għaliex l-Imqabba sofriet tant mill-attakki mill-ajru.

Iżda tajjeb naraw ukoll il-veduti ta' min kien qed jikkumbatti għal gżiritna. Frenċ Attard, ex-suldat mill-Imqabba jgħidilna hekk:

'Fil-gwerra kont suldat mal-RMA u kont stazzjonat Santu Rokku x-Xgħajra.......... lejn Ħaż Żabbar...... kienu ilhom jgħidu għax kienu jitkellmu, kienu jgħidu

*'Issa ġejja l-gwerra . . . dalwaqt jibbumbardjawna'. . . . . dakinhar li bdiet il-gwerra kont bil-leave, iżda ġie għalina s-surġent u kulħadd kellu jirritorna l-barracks . . . l-għada għamel l-ewwel air raid.'*

## L-ewwel imwiet

Mal-ewwel twerżiqa tas-sirena n-nies tħawdu u imbagħad twerwru hekk kif l-ajruplani Taljani bdew iħottu t-tagħbija ta' bombi li kellhom fuq artna. L-*air raid* dam b'kollox erba' siegħat, u kien propju f'dan l-attakk li l-Imqabba sofriet l-ewwel vittma fost uliedha. Ġużeppi Ellul, *writer* fl-uffiċċju tal- Water Works f'Raħal Ġdid, intlaqat *f'Porte des Bombes.* Inġarr immedjatament lejn l-Isptar Vincenzo Buġeja fil-Hamrun fejn miet dakinhar stess.



*Ġużeppi Ellul – vittma Mqabbi fl-ewwel jum tal-attakki fil-11 ta' Ġunju 1940.*

In-nies kienu milquta u xxukkjati b'dak kollu li beda jiġri madwarhom. Bdiet evakwazzjoni kbira ma' Malta kollha. Daqs mitt elf refuġjat telqu djarhom fl-ewwel ġranet tal-gwerra iżda n-numru uffiċjali sal-bidu ta' Awwissu kien ta' 81,540. Minkejja l-organizzazzjoni kollha, id-diffikultajiet ma naqsux. Fl-1 ta' Awwissu 1940, l-ARP District Committee tal-Imqabba kiteb lil P.W. Sanson dwar id-diffikultajiet kbar li kien hawn fl-Imqabba. Waħda mill-problemi kienet in-nuqqas ta' sirena li dwarha kiteb diversi drabi l-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Lawrenz Spiteri.

Bħal f'irħula oħra, fl-Imqabba kien jeżisti kumitat imsejjaħ *Committee for Shelter Improvement.* Dan kien magħmul mill-Kappillan, il-Protection Officer u s-Surmast tal-iskola primarja. Fl-10 ta' Ġunju 1941, dan il-Kumitat, magħmul minn Rev. Lawrenz Spiteri, is-Sur George Mangion u s-Sur Lewis Zammit għamel rapport dwar is-sitwazzjoni tax-xelters fl-Imqabba. Dan ir-rapport innota, li peress li x-xelters tal-Imqabba kienu minn tal-ewwel li bdew jitħaffru, ma kellhomx il-kumdità li beda jkun hemm f'xelters oħra aktar riċenti f'irħula oħra. In-numru kbir ta' refuġjati li ġew l-Imqabba wara l-attakki fuq l-ibliet kien qed iwassal għall-iffullar fix-xelters filwaqt li l-qawwa tal-attakki wasslet, sabiex dawk li qabel kienu jistkennu f'xelters privati, jabbandunawhom u jużaw xelters pubbliċi. Dan kollu kien qed iwassal għal kriżi sanitarja u morali. Is-sitwazzjoni kienet qed tiggrava ruħha peress li l-viċinanza tal-ajruport kienet qed twassal biex numru kbir ta' ħaddiema hemmhekk jiġu jistkennu fix-xelters tal-Imqabba. Ir-rapport jagħlaq b'talba lill-awtoritajiet sabiex itejbu u jestendu x-xelters li kien hemm.

Għal dan ir-rapport, fit-28 ta' Ġunju 1941 wieġeb id-direttur tal-Edukazzjoni li qal li l-popolazzjoni f'Ġunju 1941 kienet ta' 1803 filwaqt li kien hemm xelters pubbliċi li jiksu medda ta' 4224 pied kwadru, jiġifieri 2.3 pied kwadru għal kull persuna. Ma' dan wieħed irid iżid 4122 pied kwadru ta' xelters privati li jġibu total ta' 3.1 pied kwadru għal kull persuna.

Jidher iżda li l-insistenza għal titjib fix-xelters tat riżultat pożittiv għaliex is-Sur G.N. Nunn ordna li jinbeda xogħol ta' estensjoni fuq 17-il xelter ġewwa l-Imqabba, anke jekk kien meħtieġ jittieħdu ħaddiema għal dan il-proġett minn irħula oħra. Ix-xelters pubbliċi li fihom stkennu l-Imqabbin matul l-attakki tat-Tieni Gwerra Dinjija kienu dawn:

**Isem tax-Xelter u n-numru ta' nies li setgħu jistkennu fih [Adulti - Tfal]**

*Triq il-Parroċċa (fi Triq is-Siġġiewi) [42 - 24]*
*Triq il-Parroċċa [33 - 16]*
*Triq il-Parroċċa (Sqaq Nru. 5) [28 - 17]*
*Triq il-Parroċċa [44 - 23]*
*Triq il-Parroċċa [33 - 20]*
*Pjazza tal-Knisja [31 - 17]*
*Pjazza tal-Knisja [41 - 28]*
*Triq Santa Katarina [52 - 37]*
*Triq Santa Katarina [41 - 34]*
*Sqaq l-Isptar [63 - 25]*
*Triq San Basilju [26 - 21]*
*Triq San Basilju (Sqaq Nru. 1) [22 - 13]*
*Sqaq San Basilju [57 - 30]*
*Triq il-Lanġasa [23 - 17]*
*Triq Valletta [34 - 20]*
*Triq Valletta [42 - 24]*
*Triq Valletta [34 - 17]*

Ma' dawn wieħed irid iżid numru konsiderevoli ta' xelters oħra privati. Diversi xelters intradmu jew tneħħew minħabba l-iżvilupp tal-bini. Mhux l-ewwel darba li waqt li jkunu qed jitħaffru xi trinek jinstabu bokok ta' xelters li kienu jintużaw matul il-gwerra li għaddiet.

Nistgħu ngħidu li sa dak iż-żmien ir-raħal tagħna kien għadu ma ntlaqatx direttament mill-attakkii tal-għadu. Dan ma jfissirx li t-tbatija ma kinitx tinħass. Il-ħidma organizzattiva kollha kienet issir fl-Uffiċċju tal-ARP. L-uffiċċju tad-*District Committee* fl-Imqabba kien f'numru 5, Triq il-Karmelu. Fid-9 ta' Lulju 1940, is-Segretarju ta' dan il-kumitat is-Sur Lewis Zammit talab sabiex erba' *Air Raid Wardens* ikunu jistgħu joħorġu minn djarhom wara l-*curfew* jiġifieri fit-8.30 pm sabiex jaqdu dmirijiethom lejn il-popolazzjoni. Dawn kienu Rev. Lawrenz Spiteri, Kappillan, Dun Gerald Mangion, Dun Ġużepp Xuereb u l-istess Zammit. Kien ġie deċiż ukoll li s-sinjal ta' twissija ta' attakki mill-għadu jsir permezz ta' sparar ta' stuppini (maroon)wieħed kull għaxar sekondi minn fuq Kastilja. Dan kellu jservi ta' messaġġ lill-ħmistax-il għassa, fosthom dik tal-Imqabba. L-għassa tal-Imqabba kellha tkun fornuta b'sitt kanen u sittin stuppin u sservi ta' sinjal għaż-Żurrieq, il-Qrendi, is-Siġġiewi u Ħal Safi.

## Il-jum l-iswed – 9 ta' April

Is-sena 1942 kienet waħda terribbli għall-poplu Malti. Dan għaliex l-importanza ta' Malta fil-Battalja tal-Mediterran kienet fl-aqwa tagħha. Fi kliem il-Prim Ministru Ingliż Winston Churchill '*....the inter-relation between Malta and the desert operations was never so plain as in 1942, and the heroic defence of the island in that year formed the keystone of the prolonged struggle for the maintenance of our position in Egypt and the Middle East.*' F'April 1942 ġie kkalkulat li ntefgħu 6738 tunellata ta' bombi. Minnhom niżlu madwar 805 tunellata fuq il-mitjar ta' Ħal Luqa, u madwar 750 tunellata oħra fuq Ħal Far. Din il-ħsara bilfors laqtet b'xi mod ukoll fuq ir-raħal tal-Imqabba.

Ħsara konsiderevoli saret fl-*air raid* numru 1955 fl-1 ta' April 1942. L-attakk kollu dam ħames siegħat u erbatax-il minuta u fih fost oħrajn intlaqtu l-Imqabba, il-Marfa, l-Isla, San Ġiljan, il-Gżira, Ħal Għaxaq, il-Gudja, Ħal Luqa, il-Qrendi, Ħaż Żabbar u l-Furjana. F'dan l-attakk, bomba splodiet fuq il-post numru 55, Triq il-Belt Valletta u waqqgħet dan il-post u ta' maġenbha. Saret ħsara wkoll f'żewġt'idjar oħra. Ħadd ma kien rappurtat li weġġa f'dan l-inċident.

Kif diġà għidna, April tal-1942 kien xahar li fih il-Maltin raw il-ħruxijiet fl-aqwa tagħhom b'attakki ma jaqtgħu xejn. Fil-fatt matul ix-xahar ta' April 1942 kien hemm 282 *alert*. Kien ukoll f'dan ix-xahar li pajjiżna sofra telfiet kbar f'dak li hu patrimonju artistiku tal-gżira. F'April biss 5,715 ajruplan tefgħu l-bombi tagħhom fuq gżiritna, b'1,658 minnhom f'ġimgħa waħda. Ta' min jinnota li kien fis-7 ta' April 1942 li twaqqa' t-Teatru Rjal fil-Belt u fid-9 ta' April 1942 intlaqtet il-koppla tal-knisja tal-Mosta li b'xorti tajba ma ġietx distrutta flimkien ma' diversi knejjes u siti oħra ta' patrimonju kbir. Fil-ktieb ta' George Hogan *Malta*: *The Triumphant Years 1940-43* insibu deskrizzjoni tajba ħafna ta' dak li ġara fid-9 ta' April 1942, fir-raħal tagħna. Ta' min jgħid li Hogan kien suldat mar-*Royal Hampshire Regiment*, u diġà semmejnieh fil-memorji tas-Sur Saviour Bugeja u kien ferm qrib tal-Imqabbin tul dawk iż-żminijiet diffiċli. F'paġna 59 hu jgħid hekk:

> *'Meta l-bombers waslu fuq l-Imqabba, ħafna nies tar-raħal kienu diġà semgħu s-sirena u marru għall-kenn fix-xelters. Iżda xi morda u xjuħ kienu għadhom fi djarhom. It-tabib u l-Protection Officer kienu weqfin waħedhom f'kamra apposta fejn setgħu jikkuraw il-midruba, iżda ħadd ma kien qed jistenna dik il-ħruxija kollha ta' attakki diretti. Dawk it-toroq dojoq ma kinux post li tista' toqgħod fihom waqt attakk bħal dak u meta kulħadd fehem is-salvaġiżmu tal-attakk u ppruvaw jaslu fix-xelters, mhux kulħadd irnexxielu. Il-gwerra għalihom spiċċat hemm, fit-terrapien, miksija mit-trab safrani. Grupp tal-istreċer tal-kumpannija D tal-Hampshire Regiment waslu fuq il-post iżda ftit li xejn setgħu jagħmlu'*



Qrendi.
1) Bombs exploded in St. Nicholas Street, demolishing two houses and damaging 13 others.
2) Three persons were killed and five persons injured, three of whom were remitted to Hospital.

Mqabba.
1) Bombs exploded on St. Basil Street, Parish Street and Church Squa
about 50 houses were demolished, whilst another 100 were damaged.
2) The Parish Church was also partly demolished.
3) Two persons were killed seven others injured, six of whom were remitted to Hospital.

Senglea.
1) A bomb exploded on the dome of Senglea Parish Church,. The dome collapsed. No casualties.

54.

Cont: on page 2.

*Silta mir-rapport ta' Air Raid 2042 li ħa bejn is-12.45 u s-2.12 ta' wara nofsinhar tad-9 ta' April 1942 u li fih twaqqgħet il-koppla. (Arkivji Nazzjonali ta' Malta, ARP).*

F'dan il-passaġġ Hogan kien qed jirreferi għall-familja Busuttil. Bomba li ġiet fil-pjazza qatlet lil Ġanna Busuttil ta' 42 sena, u wliedha Mary ta' 15-il sena u Salvina ta' 13-il sena. Fl-istess jum weġġa wkoll Lawrence Mangion (ta' Pexxu) ta' 61 sena. F'dan l-attakk l-Imqabbin tilfu diversi opri tal-arti fil-Knisja Parrokkjali. Waqt it-tiġrif tal-koppla nqabdu fil-garigor tal-kampnar Dun Gerald Mangion, is-Sagristan Toni Mallia u Karmenu Magri. Il-ħsara kienet estensiva. Il-koppla ġġarfet għal kollox u kien hemm ħsarat fil-kappellun tal-Kunċizzjoni. Fost l-opri artistiċi l-Imqabba tilfet altar maġġur magħmul minn irħamijiet prezzjużi fosthom malakite, il-bankun tal-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju, il-Korp ta' San Innoċenzu, il-kor, l-orgni, gandlieri u tiżjin ieħor. In-nuqqas ta' ċerti opri li nqerdu għadu jinħass sa llum. Wara l-attakk tad-9 ta' April 1942, il-funzjonijiet reliġjużi bdew isiru fil-kappella ta' San Basilju. Il-ħerba u l-knisja mwaqqgħa baqgħu stampati f'moħħ l-Imqabbin daqskemm f'moħħ barranin bħal George Hogan li ddeskriva l-attakk salvaġġ tad-9 ta' April f'din il-poeżija:

*MQABBA – NAZI QUARTER OF AN HOUR*

*A quarter to one; you can hear the clock chime.*
*We're proud of the clock and we love the old church.*
*It is glorious spring and we look at the time*
*Though the weird banshee wails and we hear the Hun search.*
*The drone of the planes and the rushing of wind!*
*The thunder! The lightning! The tall buildings lurch.*
*Bomb dust and bricks! (O God, have we sinned?)*
*The debris, the craters, the hole in the church.*
*The ruin of homes, the stone and the dead.*
*The paintings of saints and the priest in his frock.*
*The clock tower intact, though its heart must have bled.*
*For its pulse beats no more, and it stares – one o'clock!*

*George Hogan.*



*Il-familja Busuttil li tilfet ħajjita f'dak il-jum ikrah.*



*Il-knisja mġarrfa.*




*Dettall tal-koppla u l-pittura li tidher fil-ġnub.*

L-esperjenzi ta' dan il-każ huma ħafna. L-Imqabbi Saviour Bugeja kiteb it-tifkiriet tiegħu f'artiklu li ġie ppublikat mill-Università tat-Tielet Età. Hu jiftakar kif wara l-attakk u t-tiġrif tal-knisja parrokkjali, Dun Ġużepp Xuereb offra li jidħol sabiex jittrasporta s-sagrament. Anthony Galea u l-istess Bugeja offrew li jakkumpanjawh. Xi anzjani jirrakkuntaw li Dun Ġużepp offra li jorbtu ħabel sabiex jekk jintradam ikunu jafu fejn jinsab. Is-Sagrament ittieħed fil-kappella ta' San Basilju li wara aktar minn 344 sena reġa' serva għal ftit żmien bħala knisja prinċipali.

## Id-danni għall-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni

Id-9 ta' April 1942 kien ifisser ukoll daqqa ta' ħarta għall-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni. Kienu diversi l-opri artistiċi u armar li nqered peress li l-agħar parti milquta kien il-Kappellu tal-Agunija u l-Kunċizzjoni. F'dan l-artiklu ser ngħamlu referenza għal tliet opri artistiċi milquta. Dawn huma l-bankun tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju li nqered għal kollox, l-altar li sofra ħsarat kbar u tiċrit fil-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni u n-niċċa tal-istatwa tal-Ġilju li fiha l-istatwa intradmet u soffriet ħsara minima.

Il-bankun ta' taħt il-vara tal-Madonna tal-Ġilju li nqered fid-9 ta' April kien xogħol l-iskultur Senglean Saverio Oliva (1850-1931). Għall-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba Oliva ħadem il-pulptu fl-1897 fuq disinn tal-Professur Nicola Zammit u mħallas minn Dun Ewġenio Mallia u P. Paul Galea u mżanżan fil-festa tal-Ġilju. Ħadem wkoll żewġ konfessjonarji (1911) u l-antiporta tal-bieb il-kbir tal-knisja parrokkjali (1917). Il-bankun u l-bradella tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju Oliva ħadimhom fl-1914. Jidher li minn dan il-bankun salvat biss il-bradella li wara ftit taż-żmien inbiegħet lill-Knisja Parrokkjali ta' Marija Reġina (Marsa) u għadha tintuża għall-vara titulari sal-lum. Il-bradella hi maħduma fuq disinn bilanċjat li jżewwaq xogħol fin fl-interzjar u dekorazzjoni fl-istil tal-perjodu Vittorjan ma' rużuni dekorattivi li jibbilanċjaw id-dehra ġenerali tal-bradella u jagħtuha dehra raffinata. Kien ta' sodisfazzjon kbir li għal-ktieb tiegħi *Sicut Lilium: Devozzjoni u Ritwal tul is-Sekli* kont sibt id-disinn ta' dan il-bankun u ġie ppublikat għall-ewwel darba f'dak il-ktieb.



*Dettall ċentrali tal-interzjar fuq il-bradella li llum tintuża fil-festa ta' Maria Regina l-Marsa.*

## Altar

Peress li l-aktar milqut kien in-naħa tas-sagristija li llum insejħula l-ġdida, il-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni sofra ħsarat. Tajjeb naraw ftit l-importanza ta' dan il-kwadru mill-aspett kemm artistiku kif ukoll dak devozzjonali.

L-ewwel deskrizzjoni tal-kwadru tinsab fil-Vista Pastorali tal-1686 mill-Isqof Cocco Palmieri. Jidher li sa dak iż-żmien il-kwadru kien fih biss ix-xbiha tal-Immakulata u Sant' Anna għaliex ix-xena ta' saċerdot iqaddes u l-erwieħ tal-purgatorju tissemma għall-ewwel darba mill-Isqof Gaspare Gori Mancini fiż-żjara li għamel l-Imqabba fl-1 ta' Mejju 1723. L-viżti pastorali jagħtuna żewġ dati għal din l-opra; l-kwadru jidher li sar għall-ħabta tal-1686. Ix-xena bl-erwieħ tal-purgatorju żdiedet mhux aktar tard minn Mejju 1723.

Dan il-kwadru fih prestiġju artistiku u analiżi dwar il-provenjenza tiegħu saret mill-istoriku tal-arti u kuratur tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti Sandro Debono fil-ktieb editjat minni Sicut Lilium. Fl-opinjoni meqjusa ta' Debono dan il-kwadru hu xogħol żewġ artisti Maltin li ħadmu separatament



*Disinn tal-bradella u l-bankun l-antik tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju.*

minn xulxin, fi żminijiet u għal raġunijiet differenti. Il-partijiet oriġinali li kienu juru biss lil Sant'Anna u l-figura tal-Madonna huma stilistikament qrib ix-xogħol tal-pittur Stefano Erardi (1630-1716). L-id l-oħra li nilmħu fil-kwadru żiedet ż-żewġ sħabiet żgħar fil-għoli, waħda fuq kull naħa tal-Madonna, li jsawru sfond għal żewġ pari żewġ puttini fuq kull naħa. Il-parti ta' isfel fejn jidhru l-erwieħ quddiem l-artal tal-quddiesa hija xogħol l-istess id u ż-żewġ passaġġi huma tabilħaqq inferjuri fil-kwalità għall-bqija tal-kwadru. Dan jidher li jista' jkun xogħol ta' Pasquale Buhagiar li nafu li miet f'Marzu 1711 fl-età ta' 45 sena. Pasquale kien skultur u pittur, missier il-pittur Ġian Nicola Buhagiar (1698-1752). L-istess Debono jgħid li hemm bżonn approfondiment ta' din l-analiżi biex l-attribuzzjoni tiġi msaħħa. L-avveniment tad-distruzzjoni tal-altar tal-Immakulata qed inkun imfakkar f'dan il-ktejjeb b'analiżi tal-kwadru tal-Immakulata mill-istess Debono kif ukoll ritratt meħud mill-fotografu Joe P. Borg u li qed ikun pubblikat fuq il-qoxra tal-istess ktejjeb.

Il-ħsara tal-altar wasslet ukoll biex jinqered il-korp ta' San Innoċenzju li kien meqjum b'għożża kbira sa minn tmiem is-Seklu Tmintax fuq dan l-altar. Peress li l-altar fir-rikostruzzjoni tal-knisja ċkien u daħal aktar il-ġewwa sabiex ikun jista anke jiffaċilita l-bidla minn siġġijiet għal bankijiet l-istatwa l-ġdida ta' Sant'Innoċenzju imxiet għal taħt l-altar titulari.

In-niċċa tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju ukoll intradmet. Ħafna anzjani Mqabbin jiddeskrivu b'dettal it-tensjoni meta neħħew ġebla wara oħra sabiex jaraw x'kien id-destin tal-istatwa. Kienu mumenti ta' emozzjoni u biki bil-ferħ meta skoprew li l-vara baqgħet mhux mittiefsa bi ftit ħsara biss f'ras is-serpent. Għal-kommunità Mqabbija dan kien miraklu li baqa msemmi u li anke meta żar l-Imqabba l-Gvernatur il-kappillan ħass il-bżonn li juri din l-istatwa lil Gvernatur. Dan minkejja li ż-żjara tal-Gvernatur saret tliet snin wara l-avvenimenti tal-1942.

Prova ta' kemm kien reali r-riskju għal vara tal-Ġilju, u mirakuluż il-ħelsien tagħha hu rikors li Carmelo Caruana, Prokuratur tal-Fratellanza tal-Immakulta għamel fis-26 ta' April 1944 sabiex jiġbed il-flus biex isir it-trasport tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju lura fil-knisja wara r-restawr u biex tinbena niċċa temporanja għal kenn tal-vara



*L-altar tal-Immakulata Kunċizzjoni wara t-tiġrif.*



TIMES O

# Governor Visits Four Villages

## MQABBA-ZURRIEQ-SAFI-KIRKOP

BY OUR STAFF REPORTER

His Excellency Sir Edmond Schreiber, Governor and Commander-in-Chief, accompanied by Lady Schreiber, and attended by Major W. Bonello, recently visited the villages of Mqabba, Zurrieq, Safi and Kirkop.

MQABBA

On the afternoon of February 26, His Excellency called at the Protection Office at 2.30 p.m., attended by Brigadier J. Gatt, O.B.E., M.C., who presented Rev. Father L. Spiteri, D.D., Parish Priest, Mr. L. Zammit, Protection Officer and Headmaster, Superintendent E. Bonnici Soler and Inspector A. Cuschieri to His Excellency.

Sir Edmond Schreiber inspected the Protection Office, the Information Bureau, and the Government Elementary School, and the Child Welfare Section.

After inspecting all classes, the school-children were lined in the yard and Victor Zammit presented a bouquet of roses to Lady Schreiber, after which the Maltese Hymn and the National Anthem were sung and three hearty cheers were given by the children for their distinguished visitors.

From the school Sir Edmond Schreiber proceeded to the Police Station, the Government Dispensary, with Dr. Muscat in charge, the Medical and Health Centre with Mr. C. Seychell, Sanitary Inspector in charge, and the Parish Church.

The Parish Priest presented members of the clergy to Sir Edmond Schreiber and escorted the Governor pointing out several old oil paintings in the Parish Church including the statue of Our Lady which had escaped destruction when the church suffered a direct hit during an aerial enemy attack.

Finally, Sir Edmond and Lady Schreiber were entertained to tea by the Parish Priest during which members of the District Committee were presented to the distinguished visitors.

ZURRIEQ

From Mqabba, Sir Edmond and Lady Scheirber proceeded to Zurrieq Elementary School where Brigadier Gatt presented Mr. W. Galea, Headmaster and Miss C. Attard, Headmistress.

His Excellency inspected the class-rooms, saw a display of physical drill and inspected the school football team dressed in their royal blue jerseys, after which Katie Saliba read an address of welcome to His Excellency and presented a bouquet of roses to Lady Schreiber.

Sir Edmond Schreiber proceeded to the Police Station attended by Superintendent Bonnici Soler and Inspector

the rebuilding of the damaged section of the church.

Driving to Nigret, His Excellency and Lady Schreiber called at the Nuns' Orphange and were received by the Rev. Superior, Mother Maria Antonia, who showed several pieces of embroidery work by the Nuns to the distinguished visitors.

His Excellency then inspected the Social Service Centre of Zurrieq of which Mr. E. Tabone Ferro is in charge, the Protection Office where Mr. C. Caruana, LL.D., B.A., was presented to the Governor, and the Information Bureau in charge of which is Mr. A. Zammit.

Sir Edmond and Lady Schreiber where then entertained to tea by the Rev. Archpriest during which members of the District Committee including Dr. R. Milanesi, Mr. Sceberras, Sanitary Inspector, and Mr. L. Sacco were presented to the distinguished visitors.

SAFI

On Monday March 5, His Excellency visited Safi attended by Brigadier Gatt who presented Rev. Father F. Xuereb, Parish Priest, Rev. Father J. Vella and Mr. C. Caruana, LL.D., Protection Officer.

Sir Edmond and Lady Schreiber inspected the Parish Church—a 17th Century church built in the Doric style—including the wooden statue of St. Paul and the titular oil painting of St. Paul which is a copy of Mattia Preti's painting in Palermo.

Attended by Superintendent Bonnici Soler and Inspector Cuschieri, His Excellency inspected the Police Station, and the local sub-office of the Protection Office of Zurrieq where Lady Schreiber was presented with a bouquet of flowers.

Safi is "the" unlucky village. There is no bus service to and from Safi, the nearest terminus being Zurrieq; no rediffusion; no electricity and no drainage because the mains had not been extended so far; no Government Dispensary and no District Medical Officer except the ones at Zurrieq; no cemetery — burials are still carried out in the Parish Church; and, the worst of all, no Elementary School. Safi comprises nearly 600 souls. The distance from Safi to Zurrieq is about half-an-hour's walk, and in the rainy winter or burning summer days the village children have no mode of transport for school except "Shank's Pony". Incidentally two male teachers live in Safi and teach in other villages. Safi residents cannot under-

*Silta mill-gazzetta li tgħid li waqt iż-żjara tal-Gvernatur ġie muri l-vara li ħeslita mit-tiġrif minkejja li ntradmet – b'referenza ċara għal vara tal-Madonna tal-Ġilju.*

sakemm tinbena mill-ġdid in-niċċa li tfarrket għal kollox fid-9 ta' April 1942.

Għalkemm l-enfasi dwar ħsarat dejjem kienet dwar il-koppla tal-knisja, kien hemm diversi inħawi u siti storiċi oħra li ġew affettwati. Wieħed minn dawn kien it-Torri Vincenti li sofra ħsarat fit-12 ta' April 1942.

## Qawmien Ġdid

L-Imqabbin ma baqgħux jibku xortihom. Middew għonqom għax-xogħol u bil-ħila ta' ulied Imqabbin bnew mill-ġdid. Isem sinonimu mar-rikostruzzjoni tal-Imqabba kien Baskal Xuereb. Iben il-Mastru tal-bini Paolo Xuereb midd għonqu għax-xogħol, jiddisinja, jfassal, jibni u jħeġġeġ. L-akbar proġett li wettaq kien il-bini mill-ġdid tal-koppla u l-faċċata tal-każin tal-Ġilju. Fl-1 ta' Mejju 1947 il-kappillan Imqabbi Dun Ġerald Mangion kiteb rikors lill-Isqof Mikiel Gonzi li fih infurmah li x-xogħol ta' rikostruzzjoni kien lest u li kien imiss il-bini tal-koppla.(AAM, Supp, 1947 (II), v. 303, f. 276r. 2) Dan wara li fl-20 ta' Novembru 1945 kienu ħarġu l-permessi għall-istess rikostruzzjoni mill-Gvern. Fir-rikors li ġie preżentat fil-Kurja fil-5 ta' Mejju 1947 Mangion issottometta d-disinn tal-koppla l-ġdid xogħol il-perit minn Ħal Luqa Andrea Micallef. B'mod sottili Mangion ipoġġi wkoll għall-approvazzjoni l-bidliet prinċipali li kien qed iħeġġeġ il-perit mid-disinn tal-koppla l-antika għal dik il-ġdida, liema tibdiliet kienu kkawżaw oppożizzjoni


It-Torri Vincenti wara l-ħsarat li ġarrab fil-Gwerra.



Il-pjanta għall-koppla l-ġdid mar-rikors.


276/47

A SUA ECCELLENZA REVERENDISSIMA
MONS MICHELE GONZI D.D.
METROPOLITA DELLE ISOLE MALTESI
ARCIVESCOVO DI MALTA
ECC ECC

Umile ricorso del Sac. Gerardo Mangion, Parroco della Micabiba.

Il ricorrente espone reverentemente

che il 9 aprile, 1942, bombe nemiche danneggiarono severamente la Chiesa Parrochiale della Micabiba, distruggendo completamente il transetto sinistro, il coro e la cupola, oltre la Sacrestia e la camera sopra la Sacrestia;

che il 20 novembre, 1945, il Governo, dietro domanda del ricorrente, concesse il permesso richiesto per la ricostruzione delle parti danneggiate della Parrochiale;

che il lavoro della fabbrica e' quasi al completo; manca soltanto la ricostruzione della cupola;

che il perito-ingegnere - il signor Andrea Micallef di Casal Luca - sottomettendo alla Vostra considerazione il disegno della cupola nuova all'esterno e all'interno, crede opportuno che la cupola sia piu' alta del campanile circa quattro piedi;

che lo spessore della nuova cupola sara' di tre piedi meno di quello che era in origine;

che l'ordine della Chiesa e' ionico mentre quello della cupola sara' corinto;

che dal punto di vista architettotonico le alterazioni nella nuova cupola saranno certamente in perfetta armonia col resto della Chiesa; le quali alterazioni sono minime all'interno in particolare;

quindi il ricorrente umilmente prega l'Eccellenza Vostra Reverendissima perche' si degni approvare il disegno sottoposto alla Vostra considerazione perche' si possa continuare la rispettiva ricostruzione entro il minor tempo possibile.

E della grazia ecc

Sac Gerardo Mangion
Parroco.

1 maggio, 1947.

Ir-rikors tal-kappillan Imqabbi għal-bini tal-koppla l-ġdida.

minn sezzjonijiet tal-popolazzjoni Mqabbija. Il-bidliet Mangion jispjeghom bħala li l-koppla tkun 4 piedi ogħla mill-kampnar u li filwaqt li l-istil arkitettoniku tal-knsija hu wieħed Ioniku, l-koppla tinbena fi stil Korint.

Jidher li l-proġett ma kienx bogħod mill-kontroversja bl-aktar punt kritiku jkun il-forma differenti u aktar imponenti tal-koppla l-ġdida minn dik aktar baxxa ta' qabel. Kien hemm ukoll min irewwaħ firdiet a bażi ta' festi, ta' l-affiljanza tal-partit ta' min qed jibni u ta' liema dekorazzjoni għanda ssir fuq it-twieqi – hux ġilji jew ward. Dan joħroġ ċar minn dak miktub mill-istess Baskal meta l-proġett tlesta u fil-ħsibijiet li hu bagħat lil sħabu tal-Ġilju.

*99 Valletta Raod*
*Imqabba*
*9 ta' Awissu 1948*

*Sur Segretarju,*

*Irċivejt l-ittra tiegħek li għoġbok tibgħatli għan-nom tal-Kumitat u tal-membri kollha tal-każin Lily Band u li fiha bgħatt tirringrazzjani talli erġajna waqqafna l-knisja tagħna bil-koppla b'kollox li ġiet imġarrfa fi żmien il-gwerra.*

*Iva, l-ittra kkonsolatni ħafna, għax it-taħbit li tħabatna ad unur u glorja t'Alla ġie apprezzat bil-miktub minn aktar min-nofs il-popolazzjoni tal-Parroċċa għalkemm il-bqija apprezzatu wkoll għax is-skiet hekk ifisser.*

*Fil-kors tax-xogħol iltqajna ma' xi diffikultajiet u xi kritika ma naqsitx ukoll imma bl-għajnuna ta' Alla kollox sofrejna u x-xogħol baqa' sejjer dritt bħal bastiment li jifred u jaqsam il-mewġ qawwi u jibqa' miexi dritt għall-port xorta waħda bħallikieku baħar bnazzi.*

*U x-xogħol sar, ma korra ħadd għaliex il-Bambin dejjem ħarisna, u l-istorja tibqa' tixhed lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna illi bil-għajuna ta' Alla, kollox jista' jsir.*

*Jien nirringrazzjakom bil-qalb tal-ħsieb hekk nobbli kif ukoll nirringrazzja bil-qalb lill-kumitat u lill-membri kollha tal-każin u nitlob ukoll taċċetta illi l-mertu ta' dan ix-xogħol ma kienx tiegħi waħdi.*

*Baskal Xuereb*

*Arkivju Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Mqabba, Korrispondenza, 9 ta' Awissu 1948.*



*Baskal Xuereb (bil-wieqfa fuq wara fit-tarf) flimkien ma hutu Ġużeppa, Dun Ġużepp u ommu Innoċenza u missieru Paolo.*



*Baskal jissorvelja x-xogħol tal-koppla f'April 1947.*



*Jitqedu aktar ċnagen fiċ-ċinturin tal-koppla f'April 1947.*



*It-tifkira fl-4 ta' Novembru 1979*

## Tifkiriet denji

Dan l-avveniment baqa minqux fi qlub l-Imqabbin u almenu ma ntesiex kif tħassru mill-memorja kollettiva ċertu avvenimenti u personaġġi storiċi, bħal dawk tal-Ewwel Gwerra Dinjija. Tifkira li fiha ġiet imbierka lapida bl-ismijiet tad-dsatax-il vittma tal-Tieni Gwerra Dinjija mill-Isqof Mikiel Gonzi saret fl-4 ta' Novembru 1979. Dakinhar il-President ta' Malta l-E.T. Dr Anton Buttigieg sellem lil dawn il-vittmi. Ta' kull sena f'jum l-Imqabba l-Kunsill Lokali jfakkar lil dawn l-eroj.

Tifkira oħra tal-75 sena saret il-Ħadd 9 ta' April 2017 organizzata mill-Kappillan tal-Imqabba Dun John Curmi. Fiha l-kelliemi u analista kien is-Sur Mario Farrugia, President tal-Fondazzjoni Wirt Artna. Minbarra li s-Sur Farrugia hu espert f'dak kollhu li hu militari b'mod speċjali għal perjodu tat-Tieni Gwerra Dinjija, hu wkoll Imqabbi.

B'għajnuna minn nies li rriċerkaw is-suġġett hu niseġ storja ta' kif sar l-attakk. Fl-istess serata nqara djarju miktub minn Ġużeppa Briffa li għexet din il-ġrajja ta' tfajla u t-tifkira ta' anzjana ukoll peress li kienet preżenti għall-din it-tifkira. Fl-istess lejla ittellgħet wirja kurata mill-Kanonku Dr Jonathan Farrugia u li fiha kien hemm għal wiri diversi fdalijiet mit-tiġrif tal-Gwerra fosthom il-Kwadru l-antik tal-Immakulata Kunċizzjoni li wara l-ħsara li ġarrab inbidel għal dak impitter minn Cleto Luzzi fl-1949. Jidher li issa l-pass li jmiss hu li dan il-kwadru jiġi restawrat biex jerġa jidgawda mill-ġdid mill-komunità Mqabbija u mid-diversi devoti tal-Immakulata Kunċizzjoni fl-Imqabba.

**Ħajr Speċjali:**
*Perit Conrad Thake, Daniel Cilia, Kanonku Dr Jonathan Farrugia, Kanonku Dr Nicholas Doublet, Saviour Bugeja, John Zammit (B'Kara), Daniel Cilia, Stephen Camilleri, Leonard Callus u Mario Farrugia (Wirt Artna).*